**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **361/2022 (AJD)**

**GORDON DEBONO (KI 234574M)**

**VS**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**
**L-AVUKAT ĠENERALI**
**U**
**L-MINISTERU GHALL-ĠUSTIZZJA**
**GĦAL KWALSIASI INTERESS LI JISTA' JKOLLU**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, disgħa (9) ta' Frar 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Avukat tal-Istat, illi permezz tagħha qiegħed jeċċepixxi illi din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi r-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tiegħu qabel ma intavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Jirriżulta mir-rikors kostituzzjonali illi permezz tiegħu ġew intavolati l-proċeduri odjerni, illi fil-konfront tar-rikorrent mexjin proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fejn huwa qiegħed jiġi akkużat b'diversi imputazzjonijiet, *inter alia*, b'akkużi relatati ma' ħasil ta' flus. Għaldaqstant, waqt is-seduta illi fiha tressaq taħt arrest, il-Qorti, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, u fit-termini tal-artikolu 5 tal-Kap 373 u l-Artikolu 23A(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat is-sekwestrazzjoni f'idejn terzi b'mod ġenerali flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lir-rikorrent, u pprojbixxiet lir-rikorrent milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-dritt tar-rikorrent illi jirċievi l-ammont annwali ta' €13,976.24. Eventwalment, l-Avukat Ġenerali talab korrezzjoni tal-akkużi miġjuba kontra r-rikorrent, u fid-dawl tal-korrezzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet il-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar ġdida. L-ordni ta' ffriżar oriġinali baqgħet *in vigore*, filwaqt illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja baqgħet qatt ma ppronunzjat ruħha dwar it-talba ġdida tal-Prosekuzzjoni;

3. Bir-rikors odjern, ir-rikorrent jippremetti illi s-somma ta' €13,976.24 hija l-istess somma illi ġiet stabbilita fis-sena 1994, meta l-leġislatur iffissa s-somma ta' LM 6,000. Huwa jsostni illi l-fatt illi l-ammont massimu perċepibbli minn imputat akkużat b'ħasil ta' flus u li fuqu ġiet imposta ordni ta' ffrriżar ma tirriflettix l-għoli tal-ħajja sa mill-1994 sal-lum il-ġurnata b'tali mod u manjiera illi qiegħda ċċaħħdu milli jkollu għixien diċenti, qiegħed jilledi d-dritt fondamentali tar-rikorrent hekk kif salvagwardjat mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   a. Tiddikjara l-aġir tal-intimati jew min minnhom illegali, u li jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi jikser l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

b. Tiddikjara illi l-proviso tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fir-rigward tal-ammont massimu illi r-rikorrent jista' annwalment jipperċepixxi, jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent billi jikser l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

c. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu kumpens xieraq lir-rikorrent, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tqis bħala rilevanti; u

d. Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi oħra li jidhrilha xierqa skont il-liġi u ċ-ċirkostanzi tal-każ;

5. Mill-banda l-oħra, b'risposta datata tnejn u għoaxirn (22) t'Awwissu 2022, l-Avukat tal-Istat, apparti numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, issolleva wkoll eċċezzjoni preliminari, u cioe:

> ***Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex ir-rikorrent jidher li ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji qabel ma intavola din il-kawża kostituzzjonali speċjali. L-esponent jenfasizza li proċeduri kostituzzjonali ma jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox. Fil-fatt, ħarsa lejn l-artikolu 5 sħiħ tal-Kap 373 jurina kif ai termini tal-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 5(1)(b), kull akkużat għandu d-dritt li jitlob lill-Qorti sabiex tawtorizzah, għal raġuni tajba, biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli; u l-qorti tista' wkoll, ai termini tal-artikolu 5(3) f'ċirkostanzi partikolari, tibdel dak l-ordni ta' ffriżar; barra minn hekk, ai termini tal-artikolu 5(5), meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat waqt li***

***l-ordni tkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat;***

***Għalhekk, l-esponenti jemmnu li r-rikorrent għad għandu rimedju xieraq a disposizzjoni tiegħu – jekk ir-rikorrent iġib prova koġenti fejn juri lill-qorti li għandu xi bżonnijiet oltre dak l-ammont preskritt mil-liġi, huwua jista' jitlob lill-qorti appożita sabiex tawtorizza trasferimenti, tibdel l-ordni tal-iffirżar u jekk ikun hemm flejjes dovuti lill-akkużat, il-liġi li qed jattakka r-rikorrent, tipprovdi għad-depożitu ta' tali flejjes f'bank għall-kreditu tal-akkużat;***

***Għalhekk l-esponenti umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex <u>tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha</u> u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u fid-dawl ta' sensiela ta' sentenzi li ġew deċiżi ai termini ta' dan l-artikolu;***

6. Fis-seduta tal-Ħamis, disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2022, il-kawża ġiet differita għall-provi tal-partijiet dwar, *inter alia*, l-eċċezzjoni preliminari suriferita;

7. Wara illi, fis-seduta tal-Ġimgħa, erbgħa (4) ta' Novembru 2022, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari hawn fuq riprodotta, il-kawża ġiet differita llum għal sentenza preliminari dwar l-istess eċċezzjoni.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partitjiet dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat;

10. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward din l-eċċezzjoni preliminari;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

12. L-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

Dan l-artikolu huwa kważi identiku għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda peress illi l-Avukat tal-Istat, fir-risposta tiegħu, jagħmel referenza biss għall-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 considerando illi r-rikorrent qiegħed jallega leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-

Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti sejra tillimita ruħha għal interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

13. Referenza ssir għal dak illi ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita' tad-Djar et***[1], fejn intqal:

> *31. Illi huwa risaput li bil-provisos għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim'Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha biex, min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew taħt il-Kap 319 inutilment, iżda min-naħa l-oħra jiġi assigurat li f'każijiet li jimmeritaw li jiġu eżaminati sew taħt il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Indubitament, il-provisos marbutin maż-żewġ Artikoli appena msemmija ma humiex intiżi biex il-Qorti taħrab mir-responsabbilita' li tieħu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, iżda mill-perspettiva l-oħra wieħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha kostituzzjonali għandha l-fakolta' tidderiġi ruħha lejn ir-rifjut tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat, iżda dejjem meħud kont tal-gravita' tal-leżjoni lamentata, il-konsegwenzi għall-applikant tal-istess leżjoni u l-interess aktar ġenerali tal-pubbliku filli tiġi kjarifikata l-pożizzjoni kostituzzjonali.*

[1] Rik Nru 59/2010, Qorti Kostituzzjonali, 13 t'April 2018

14. Il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel imbagħad f'din is-sentenza referenza għall-insenjament tagħha f'sentenza oħra mogħtija minnha stess fl-ismijiet ***Olena Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[2], fejn kienet elaborat kif isegwi:

> *Illi dwar din l-eċċezzjoni, għandu jingħad li l-Qorti jkollha, min-natura tal-eċċezzjoni nfisha, tqisha fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti prima facie. Ma jistax ikun mod ieħr, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;*
>
> *[...]*
>
> *Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħa tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha* [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet

[2] Appell Nru 22/2005, Qorti Kostituzzjonali, 16 ta' Jannar 2006

*Zahra v. Awtorita' tal-Ippjanar* (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179)]. *F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqgħalha s-setgħa li tiddeċiedi li ma eċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;*

*Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna itnżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta* [Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet *John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*];

*Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat* [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Kummissarju tal-*

*Pulizija et* (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. *M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi* [PA Kost **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet *Clitfon Borg vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)];

15. Finalment, imbagħad, il-Qorti Kostituzzjonali tagħmel referenza għal numru ta' prinċipji, bħal speċi *check-list* jew linji gwida, illi għandhom iwasslu lil Qorti sabiex tqis jekk huwiex minnu jew le li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv:

*Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien għal*

*kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent* [PA (Kost) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet *Victor Bonavia vs. L-Awtorita' tal-Ippjanar et*]; *(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni* [Ara Kost **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Bannister et* (Kollez Vol LXXVIII.I.48) u Kost **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet *Visual & Sound Communications Ltd vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*]; *u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwistjoni kostituzzjonali* [PA Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet *Maria Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija* (mhux pubblikata)]*;*

16. Applikati l-prinċipji legali suesposti għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-Artikolu 5 tal-Kap 373 illi minnu qed jilmenta r-rikorrent, illi jistabbilixxi:

*5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*

*(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*

*(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*

*Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*

*Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*

*(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

17. Is-sub-artikolu (3) tal-istess Artikolu mbagħad jgħid illi:

*Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

18. Ir-rikorrent, bil-kawża odjerna, qiegħed jilmenta illi l-ammont ta' €13,976.24 huwa wieħed leżiv għad-dritt fundamentali tiegħu kif sanċit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi ma jiħux in konsiderazzjoni l-fatt illi l-ħajja għoliet minn meta ġie stabbilit dan il-valur sal-ġurnata tal-lum. Huwa jissottometti fit-trattazzjoni tiegħu rigward l-eċċezzjoni preliminari in eżami illi r-rimedju offrut mill-Artikolu 5 stess, u cioe, *inter alia*, l-irtirar ta' somma sa massimu ta' €13,976.24, m'huwiex rimedju effettiv, u għalhekk din il-Qorti għandha tkompli tisma' u eventwalment tiddeċiedi l-kawża odjerna fil-mertu;

19. **Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent;**

20. Din il-Qorti ma tistax tara kif ir-rikorrent, illi b'ammissjoni tiegħu stess[3] la talab xi varjazzjoni tal-Ordni ta' Friżar maħruġa fil-konfront tiegħu (iżda, ironikament, ressaq talbiet simili għan-nom ta' wħud mis-soċjetajiet kummerċjali tiegħu li jinsabu ko-akkużati fl-istess proċedura), u lanqas intavola xi rikors sabiex jirtira kwalunkwe somma sal-ammont ta' €13,976.24, jista' jilmenta illi l-ammont massimu ta' €13,976.24 huwa leżiv għad-drittijiet fundamentali tiegħu. Il-Qorti kienet tistenna illi mill-inqas ir-rikorrent ikun għamel użu minn din il-proċedura qabel jilmenta illi dan l-ammont mhux suffiċjenti sabiex jgħajjex lill-familja tiegħu b'mod diċenti;

21. Huwa evidenti illi dan ir-rimedju huwa wieħed aċċessibbli għar-rikorrent, stante illi huwa dritt tiegħu stabbilit mil-liġi stess. Huwa wkoll rimedju, fl-opinjoni tal-Qorti, effettiv u xieraq, stante illi jagħti lir-rikorrenti aċċess għall-assi tiegħu, u skrutinju u reviżjoni tal-Ordni ta' Ffriżar skont il-bidla fiċ-ċirkostanzi tar-rikorrent. Jekk hux ammont adegwat, huwa punt illi la r-rikorrent u lanqas il-Qorti ma jistgħu jaslu jiddeterminaw f'dan l-istadju, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent lanqas biss ħa l-inizjattiva illi jipprova jirrikorri għal dan ir-rimedju qabel intavola l-proċeduri odjerni. Dak illi qiegħed isostni r-rikorrent huwa fl-ipotetiku, u ma tistax għalhekk din il-Qorti tinjora l-fatt illi huwa ħa l-pass odjern mingħajr m'eżawrixxa r-rimedji mogħtija lilu mill-Artikolu 5 tal-Kap 373 stess;

---

[3] Vide verbal tas-seduta miżmuma nhar l-4 ta' Novembru 2022

22. Din il-Qorti ma tistax ukoll ma taċċennax għall-fatt illi, minbarra r-rilaxx ta' somma sa massimu ta' €13,976.24, l-Artikolu 5 tal-Kap 373 saħansitra jagħti lir-rikorrent il-possibilita' illi jressaq talba sabiex (a) jitlob illi jkun hemm ħlas ta' djun li saru qabel l-ordni ta' friżar, u/jew (b) jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli. Dawn huma żewġ rimedji oħra mogħtija lir-rikorrent, liema rimedji r-rikorrent la użufruwixxa ruħu minnhom, u lanqas wera x-xewqa jew l-intenzjoni illi jużufruwixxi ruħu minnhom, għaliex isostni illi irrispettivament minn jekk jużufruwixxix ruħu minnhom jew le, id-drittijiet tiegħu ser jibqgħu jiġu leżi. Madanakollu, bid-dovut rispett, din il-Qorti ma tarax kif jista' wieħed jargumenta minn leżjoni ta' dritt fundamentali tiegħu (liema leżjoni hija preżentament ipotetika u potenzjali), mingħajr lanqas biss ikun għamel attentat jagħmel użu minn numru ta' rimedji ordinarji illi huma pienament għad-disposizzjoni tiegħu;

23. Mingħajr ma tidħol fil-mertu, din il-Qorti tfakkar illi l-Ordni ta' Friżar ma tinħariġx għalxejn. Hija miżura kawtelatorja, bħalma huma l-atti kawtelatorji illi jinħarġu fit-termini tal-proċedura ordinarja ċivili. Miżuri kawtelatorji dejjem ser iwasslu sabiex ifixklu, xi ftit jew wisq, l-istil ta' ħajja illi wieħed ikun imdorri jgħix qabel jinħarġu. Madanakollu, il-liġi ordinarja tagħti rimedji sabiex taċċerta illi l-effetti tal-miżura kawtelatorja jiġu mitigati, bħalma huma r-rimedji mogħtija mill-Artikolu 5 tal-Kap 373. Il-fatt illi tali rimedji ma jkunux ipoġġu lill-persuna affettwata fl-*istatus quo ante* sakemm il-proċeduri fil-konfront tagħha jkunu għadhom pendenti, ma jfissirx illi tali rimedji m'humiex adegwati, xierqa u/jew effettivi. Li kieku kien hekk, ma kien ikun hemm l-ebda skop illi tittieħed miżura kawtelatorja, stante illi biha u mingħajrha, is-sitwazzjoni tibqa' l-istess;

24. L-aħħar punt ta' din il-Qorti jirrigwarda s-sentenza fl-ismijiet ***George Tabone vs Avukat Ġenerali et***[4] illi jagħmel referenza għaliha r-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tinnota illi fis-sentenza minnu ċitata, u cioe dik mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza, din

[4] Rik Nru 48/2016, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Silvio Meli, 7 ta' Novembru 2017

il-Qorti kif diversement presjeduta kienet trattat eċċezzjoni identika għal dik in eżami, u qalet illi, fid-dawl ta' dak illi kien ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet ***Brincat and Others vs Malta***[5], din l-eċċezzjoni preliminari m'għadhiex aktar ta' min jippreżentaha, u għaddiet sabiex tiċħad l-istess u tittratta l-każ fil-mertu. Madanakollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-insenjament. Filwaqt illi huwa minnu illi ***Brincat and Others*** trattat l-eċċezzjoni dwar l-eżistenza ta' rimedji ordinarji, din il-Qorti tinnota illi fi ***Brincat and Others***, ir-rimedju ordinarju illi fuqu kien qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu l-Istat kien jikkonsisti fi proċeduri ċivili illi joffru l-possibilita' ta' likwidazzjoni u ħlas ta' danni pekunjarji (cioe, *civil tort action*), filwaqt illi l-proċeduri kostituzzjonali intavolati mir-rikorrenti kienu joffru l-possibilita' ta' dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali tal-partijiet konċernati, u ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju. Il-Qorti ta' Strasburgu kkunsidrat illi, *"[T]he applicants cannot be held to blame for pursuing one remedy instead of two. Moreover, such an action would have also served the interests of economy of proceedings given that – in any event – the applicants would have been bound to go before the constitutional organs to obtain the full range of redress which they claimed."* Dan, iżda, <u>mhux il-każ fil-każ odjern</u>, fejn ir-rimedju għad-disposizzjoni tar-rikorrent huwa wieħed illi, mingħajr ma jużufruwixxi ruħu minnu, ir-rikorrent m'għandu l-ebda possibilita' illi jkun jaf jekk huwiex leżiv għad-drittijiet fundamentali tiegħu jew le. Il-Qorti tissenjala illi s-sentenza fl-ismijiet ***George Tabone vs Avukat Ġenerali et*** suċitata u ċitata mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu ġiet appellata[6], u l-Qorti Kostituzzjonali, minkejja illi ma trattatx espressament l-eċċezzjoni dwar rimedji ordinarji għaliex tali parti mid-deċiżjoni ma kinitx ġiet appellata, esprimiet ruħha kif isegwi dwar il-*proviso* tal-Artikolu 5 tal-Kap 373:

> *17. L-atturi ma nqdewx bil-possibilita' ta' rimedju li jagħtihom il-proviso għall-art. 5(1) miġjub fuq. B'rikors*

[5] Appl Nr 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 u 62338/11, Ħames Sezzjoni tal-QEDB, 24 t'Ottubru 2014
[6] Rik Nru 48/2016, Qorti Kostituzzjonali, 5 t'Ottubru 2018

*tas-6 ta' Marzu 2013 talbu t-tħassir tal-ordni għal raġunijiet oħra u mhux għar-raġunijiet imsemmija fil-proviso. L-eżistenza ta' dan ir-rimedju iżda, għalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa biżżejjed biex juri illi hemm mekkaniżmu fil-Kap 373 stess biex jintlaħaq il-bilanċ u l-proporzjon li jridu l-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fundamentali.*

Il-Qorti Kostituzzjonali, għalhekk, irrikonoxxiet illi l-proċedura fil-*proviso* tal-Artikolu 5 tal-Kap 373 hija effettivament rimedju ordinarju, u din il-Qorti tqis għalhekk illi r-rikorrent kellu jagħmel użu minnha, u mir-rimedji l-oħra offruti lilu fit-termini tal-istess Artikolu, qabel jintavola l-proċeduri odjerni;

25. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi jkun desiderabbli illi tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha skond l-istess subartikolu.

**Decide**

26. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

i. **Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, b'dana illi tiddikjara illi sejra tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha skont l-istess subartikolu; u

ii. **Tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a kariku tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**